MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2006

Citazzjoni Numru. 55/2006

**Antonio sive Anthony Calleja**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur ippremetta illi huwa dejjem kiteb ismu Anthony, hekk kif jista' jigi dedott minn diversi dokumenti ta' identifikazzjoni fosthom ic-certifikat antik tat-twelid u l-karta ta' l-identita' hawn annessi u mmarkati Dok AF 1 u AF 2 rispettivament.

Illi c-certifikat tat-twelid kif irregistrat fir-Registru Pubbliku b'registrazzjoni numru 701/1935 li qed jigi hawn mehmuz u mmarkat Dok AF3 juri isem ir-rikorrent miktub bhala Antonio minflok Anthony;

Illi dan l-izball sehh ghal darba ohra fuq il-passaport Malti tieghu (ara Dok AF4);

Illi l-attur jixtieq jikkoregi dan l-izball billi ismu jkun jinkiteb bl-istess mod f'kull dokument pubbliku u dan stante illi jistghu jinholqu inkongruwenzi meta jipproduci l-passaport Malti flimkien ma' dak Awstraljan lill-Ufficjali fl-esteru.

Illi l-attur huwa maghruf ukoll bhala Tony.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tawtorizza l-korrezzjoni u r-registrazzjoni fic-certifikat tat-twelid skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 253 tal-Kodici Civili, sabiex isem il-mittenti jinkiteb ANTHONY u jekk ikun il-kaz jinkiteb ukoll illi huwa wkoll maghruf bhala Tony;

2. tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f'kull att ta' l-istat civili relattiv tal-mitteni, jekk ikun il-kaz u dan skond l-Artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-konvenut huwa minn issa mharrek sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat illi minkejja li debitament notifikat il-konvenut baqa' kontumaci.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet bil-gurament lill-attur fis-seduta tal-lum jiddikjara li huwa dejjem kiteb ismu bhala Anthony maghruf ukoll bhala Tony.

Fic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti tilqa' t-talbiet atturi;

Tawtorizza l-korrezzjoni u r-registrazzjoni fic-certifikat tat-twelid numru seba' mija u wiehed tas-sena elf disa' mija u hamsa u tletin (701/1935) skond il-provvedimenti ta' l-

Artiklu 253 tal-Kodici Civili, sabiex isem il-mittenti jinkiteb Anthony maghruf ukoll bhala Tony;

Tordna l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-registrazzjoni msemmija jigi rifless f’kull att ta’ l-istat civili relattiv tal-mittenti, ai termini ta’ l-Artiklu 253(3) tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------